



Brussell, 30 ta' April 2024
(OR. en)

9405/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0397(COD)**

CODEC 1204
ELARG 58
COWEB 64
FIN 405
CADREFIN 90
ECOFIN 530
BUDGET 34
RESPR 14

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fid-9 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikoli 212 u 322(1) TFUE.
2. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha fit-30 ta' Jannar 2024².
3. Il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' April 2024³.
4. Fl-24 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 15182/23 + ADD 1.

² 6353/24.

³ Għadha mhijiex ippubblikata fil-ĠU.

⁴ 9317/24.

5. Fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' April 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jstieden lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 80/24 bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bil-Litwanja u n-Netherlands jastjenu.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 u 2 għal din in-nota.
7. Il-Kunsill huwa mistieden:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, kif tidher fid-dokument PE-CONS 80/24; kif ukoll
 - japprova d-dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kif tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota, li għandha tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.
- Wara l-iffirmar mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-